MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 27

31 ta' Awwissu 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 27 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 31 ta' Awwissu 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 26 li saret fit-12 ta' Awwissu 2009 ġew approvati u ffirmati mingħajr ma' saru emendi.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Allokazzjoni tad-*Defence Post* ta' Triq l-Ghollieqa (A/6/7/Vol II)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1 tas-seduta preċedenti u għarraf li l-ftehim dwar id-devoluzzjoni tad-*Defence Post*, kif ukoll dak dwar it-Torri l-Abjad ser iseħħ fl-10 ta' Settembru 2009 bħala parti mill-attivitajiet marbuta ma' l-Iljieli Melleħin. Is-Sur Charles Debono, il-kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra ser jagħmel preżentazzjoni qabel l-iffirmar tal-ftehim.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Ftuħ ta' Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti (T/12/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u qal li b'dispjaċir innota artiklu li deher fis-sit elettroniku tal-Partit Laburista – maltastar.com - fejn intqal illi l-kamra li qed isservi bħala uffiċċju informazzjoni għat-turisti f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II kienet inbniet mingħajr permess. Is-Sur R. Cutajar qal li dan mhux aċċettabbli, peress li s-suġġett tqajjem diversi drabi qabel waqt seduti tal-Kunsill u qatt ma ssemma li din saret mingħajr permess. Huwa qal li din inbniet 21 sena qabel mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex qdiet il-funzjoni ta' banka tal-lottu. Il-proċedura dak iż-żmien kienet ferm differenti minn kif inhi llum. Huwa kkummenta li dawn it-tip ta' attakki huma parti minn kampanja sistematika mmirata sabiex tiskredita l-ħidma tal-Kunsill Lokali Mellieħa u min huwa kompliċi f'dawn it-tip ta' stejjer ma jixraqlux jissejjaħ Mellieħi, peress li mhux qed iżomm l-interess tal-komunità. Is-Sur R. Cutajar kompla jikkummenta li huwa stramb ħafna kif dan il-każ tqajjem, meta f'21 sena ħadd qatt ma fetaħ ħalqu, filwaqt li fakkar illi wara dawn is-snin kollha l-istess kamra, issa qed tintuża mhux għal skop kummerċjali, iżda għal ġid tas-settur turistiku.

2.2.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li huwa nġibditlu l-attenzjoni li l-kamra hija bla permess wara l-Iljieli Melleħin 2008, liema tagħrif huwa ħa ż-żmien biex jiġi verifikat.

2.2.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li kienet qamet kontroversja meta fl-1987 inbniet kamra sabiex tintuża bħala Uffiċċju tal-Lottu. Meta huwa kien Sindku, il-Kunsill kien intervjena biex jiġi stabbilit eżatt lil minn tapparjeni, bil-għan li titneħħa. Fil-fatt kienu saru kuntatti mar-riċevitur li kien jiftaħħa, mas-Società Filarmonica La Vittoria u mal-Malta Gaming Authority. Huwa kkummenta wkoll li setgħet saret talba lill-Kappillan sabiex isir użu mill-kamra li jinsab fl-istess misraħ, illi ntużat bħala uffiċċju informazzjoni qabel ġie ntrodott l-Ewro.

2.2.5. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li m'hemmx xejn ħażin li nstab l-użu għal din il-kamra li kienet ilha magħluqa diversi snin. Huwa qal li forsi din tista' tingħata dehra aħjar sabiex tkun taqbel aktar mal-bini tal-madwar.

## 2.3.1. Logħob għat-tfal u żgħażagħ fil-Manikata (S/4/2/Vol III)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 2.11.1. tas-seduta preċedenti u ntqal illi l-attività msemmija li kienet kordinata mill-Kunsillier H. Fenech, marret tajjeb ħafna, tant li attendew madwar mitejn persuna, li hija attendenza sodisfaċenti. L-attività seħħet fil-25 ta' Awwissu 2009

2.3.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li nnota wkoll il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1. *Tournament* tal-Futbol fil-Ground Ta' Pennellu (S/6/Vol III)

2.4.2. Sar aċċenn għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti, fejn is-Sindku għarraf li t-trofej li ġew pprovduti mill-Kunsill, kienu ppreżentati mill-Kunsillier J. Buttigieg u minnu.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1. Impieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 (P/7/1/Vol VIII)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1.5. tas-seduta preċedenti u għarraf li f'*e-mail* datat 14 ta' Awwissu 2009, l-Assistent Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li s-Sinjura Odette Zammit m'hijiex eliġibbli li tapplika flimkien ma' l-impjegati minn kunsilli lokali oħra, peress li hija għandha kuntratt ta' servizz għal tliet snin.

2.5.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għandu jiġi mistoqsi dwar jekk l-istess persuna tistax tiġi mpjegata fuq bażi *full-time* mal-Kunsill billi ilha tagħti s-servizzi tagħha għall-aħħar sitt snin.

2.5.4. Is-Segretarju qal li alternattiva oħra li għandu l-Kunsill f'din il-materja, hija li jistenna illi jidħlu fis-seħħ l-emendi fl-Att Dwar Kunsilli Lokali, meta wieħed jittama li l-posizzjoni dwar l-iskrivani bil-kuntratt ta' servizz tiġi ċċarata.

2.5.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jintalab il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex:

(a) tkun tista' tiġi mpjegata r-raba' persuna fuq bażi *full-time* (wieħed fuq il-limitu li tistabillixxi l-liġi skond deċiżjoni meħuda fis-seduta Nru. 20 – Minuta 9.9 ta' l-4 ta' Mejju 2009) bil-għan li l-uffiċċju amministrattiv ikun jista' jiffunzjona bla diffikultajiet, fid-dawl tad-direttiva li nghatat fil-Memo 27/2008 dwar l-iskrivani b'kuntratt ta' servizz; u

(b) li s-Sinjura Odette Zammit (ID: 48469M) tiġi mpjegata bħala skrivana fuq bażi *full-time* fi Skala 15, peress li ilha tagħmel xogħol ta' *front office clerk* bis-saħħa ta' kuntratt ta' servizz għal dawn l-aħħar sitt snin u nofs.

## 2.6.1. Serata Mużikali "Cantiamo" fil-Bitħa tas-Santwarju (A/5/5/Vol IV)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li s-serata tas-27 ta' Awwissu 2009 marret tajjeb ħafna, kemm mil-lat ta' livell, kif ukoll dik li hija attendenza tal-pubbliku. Huwa qal li l-uniku diżappunt li kellu dwarha kien li ma ntramax il-palk li fuqu kellhom ikantaw il-kantanti.

2.6.3. Il-Kunsill innota l-kummenti li saru mis-Sindku.

### 2.7.1. Korsijiet fil-litteriżmu bażiku (E/3/1/Vol II)

2.7.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti, fejn ġie deċiż li l-korsijiet fil-litteriżmu bażiku għandhom ikunu dawk offruti mill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u t-Taħriġ. Is-Sur C. Debono għarraf li diġa kien hemm persuni li wrew interess ikomplu jattendu l-korsijiet offruti mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irriżulta wkoll li l-għalliema li kien hemm fis-snin preċedenti applikaw biex ikomplu bil-korsijiet. Għaldaqstant ġie propost li għandha tintwera l-intenzjoni li l-korsijiet għas-sena skolastika 2009-2010 jitkomplew mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

2.7.3. Il-Kunsill laqa' din il-proposta.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 06/08/09 – 27/08/09
- *Purchase Request Form* – 27/08/09
- Skeda ta' Infieq Permezz tal-*Petty Cash* – 04/08/09 – 10/08/09
- Skeda ta' Infieq Permezz tal-*Petty Cash* – 11/08/09 – 14/08/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Rapport tal-Bord ta' l-Għażla – Impjegat fi Skala 15 – 17/08/09
- Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) mill-Udituri - Sena Finanzjarja 2008/2009
- Tweġiba tal-Kunsill għall-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2008/2009

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Għajnuna biex isiru kuntatti ma' Scout Groups barra minn Malta (S/6/Vol IV)

4.1.2. Is-Kunsill ġie mgħarraf li sar appell mis-Sur Steven Fenech, bħala *radio amateur* li jaħdem qrib mal-Mellieħa Scout Group. Is-Sur Fenech jagħmel diversi kuntatti f'isimhom ma' gruppi simili barra minn Malta. Skond il-proċedura normali meta jsiru kuntatti bejn *radio amateurs*, jintbagħtu dawk li jissejħu *QSL cards* bid-dettalji ta' minn ikun għamel il-kuntatt. Is-Sur Fenech talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex ikun jista jistampa l-*QSL cards*.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tinġieb stima ta' l-ispiża nvoluta. Kien hemm qbil li l-istess cards ikunu jistgħu jintużaw biex tingħata pubbliċità lil lokalità, billi jiġi stampat l-indirizz tas-sit elettroniku tal-Kunsill.

### 4.2.1. Talbiet għal Fondi Speċjali (K/6/4/1)

4.2.2. Saret referenza għal Memo 48/2009 tat-18 ta' Awwissu 2009, fejn tħabbar li saret sejħa għal applikazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali kollha għal Fondi Speċjali.

4.2.3. Ġie spjegat li l-Kunsilli Lokali jistgħu japplikaw sabiex iwettqu proġett jew inizjattivi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Kunsilli Lokali. Il-kriterji li ġejjin għandhom iservu ta' gwida:

- Kunsilli Lokali jistgħu japplikaw b'kull tip ta' proġett jew inizjattiva li twassal fid-direzzjoni ta' lokalitajiet sostenibbli;
- Tingħata preferenza għal proġetti jew inizjattivi li jistgħu jinbdew immedjatament - għalhekk fejn hemm bżonn permessi tal-*MEPA* jew ta' xi awtorità oħra kompetenti u diġà nkiseb dan il-permess, kopja tiegħu għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni. Fejn il-permess għadu pendenti, għandu jiġi inkluż ukoll in-numru tal-applikazzjoni;
- Mal-applikazzjoni trid tiġi mehmuża wkoll stima tal-istess proġett jew inizjattiva.
- Tingħata preferenza għal applikazzjonjiet li jikkwalifikaw skond it-tliet kriterji mogħtija hawn fuq, li jkunu ġejjin minn Kunsilli Lokali li ż-żieda fil-*budget* għas-sena 2009/2010 ma qabżitx l-għaxra fil-mija (10%) fuq il-*budget* tas-sena ta' qabel. Kunsilli Lokali oħra jistgħu japplikaw ukoll.

- Il-fond huwa ta' € 250,000 u kull applikazzjoni li tintlaqa' ser tiġi mgħejjuna sa massimu ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-ispiża totali tal-proġett. Għalhekk irid ikun hemm ko-finanzjament min-naħa tal-Kunsill Lokali ta' minimu ta' ħamsin fil-mija (50%) liema fondi jistgħu jinġiebu wkoll minn sorsi oħra.

4.2.4. L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sat-Tlieta, 15 ta' Settembru 2009.

4.2.5. Il-Kunsill kien qabel li għandha ssir talba biex jiġi ffinanzjat parti mill-proġett ta' tisbieħ u *traffic management* fi Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida.

4.2.6. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li dan il-proġett jirrikjedi l-kunsens mit-Taqsima għall-Maniġġ tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport, kif ukoll il-permess mill-MEPA, peress li jinvolvi l-estenzjoni tas-*centre-strip* eżistenti u *pedestrian crossing* fi Triq Qasam Barrani.

### 4.3.1. Skema – Pjan ta' Żvilupp Sostenibbli fil-Lokalitajiet (C/3/2/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 19 ta' Awwissu 2009, mibgħuta mill-Bord ta' Evalwazzjoni fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx magħżula biex tingħata l-għajnuna finanzjarja minn din l-iskema.

4.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.4.1. Devoluzzjoni tat-Torri l-Abjad (A/6/7/Vol II)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 19 ta' Awwissu 2009, fejn it-Taqsima Proprjetà tal-Gvern għarrfet li ġiet approvata t-talba tiegħu għad-devoluzzjoni tal-bini msemmi, filwaqt li għaddiet it-test tal-kuntratt relattiv. Fost il-kundizzjonijiet li ġew inklużi hemm li l-kera fuq bażi kummerċjali ġiet stmata €3,500 fis-sena, iżda tnaqqset għal €250, fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill Lokali huma ntenzjonati li jagħtu servizz lill-komunità.

4.4.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm fuq din il-materja, filwaqt li awtorizza lis-Sindku u l-Segretarju sabiex jiffirma l-ftehim relattiv.

### 4.5.1. Sistema ta' *one-way* fil-Manikata (T/3/2/Vol X)

4.5.2. Inqrat ittra datata 21 ta' Awwissu 2009 fejn it-Taqsima għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan l-ADT talbet l-opinjoni tal-Kunsill dwar talba li saritilha sabiex Sqaq Ħarruba u Triq il-Manikata jsiru *one-ways* kontra xulxin.

4.5.3. Is-Segretarju fakkar li l-Kunsill kien ressaq appell quddiem il-MEPA fejn l-istess MEPA qed tikkontesta jekk Sqaq Ħarruba huwiex triq jew le.

4.5.4. Kien hemm qbil li tista' tiġi studjata sistema ta' *one-way* billi Sqaq Ħarraba jkun għat-telgħa, filwaqt li Triq il-Knisja l-Qadima u Triq il-Manikata jkunu *one-way* għan-niżla. B'dan il-mod it-traffiku f'direzzjoni waħda ma' jaqsamx t-traffiku ieħor li jkun sejjer fid-direzzjoni opposta. Minkejja dan, il-Kunsill kien tal-fehma li din l-iskema m'għandiex tiġi ntrodotta sakemm Sqaq Ħarruba ma jingħatax wiċċ bit-tarmak. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-soluzzjoni għall-problema ta' konġestjoni fi Triq il-Manikata saret aktar urgenti bit-titjib li sar fit-toroq li jwasslu lejn il-Manikata.

### 4.6.1. Skema *Energy Saving* (K/1/2/Vol V)

4.6.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 19 ta' Awwissu 2009, mibgħuta mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni fuq l-Iskema Energy Saving fejn sar magħruf li l-allokazzjoni oriġinali għall-Mellieħa telgħet minn €2,300 għal €5,100 sabiex jiġi aċċertat li l-proġetti kollha sottomessi u li ġew approvati jkunu jistgħu jitwettqu. Ġie spjegat li wara illi l-Kunsilli msieħba fil-*consortium* ikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom, ser jingħataw nofs il-pagament bil-quddiem biex ikun jista' jinbeda l-proċess ta' attwazzjoni. Il-bqija tal-fondi jingħataw wara li l-Kunsilli jinformaw lid-Dipartiment li l-proġetti jkunu tlestew u jiġi kkonfermat li huma skond kif kien indikat fl-applikazzjoni. Is-Segretarju għarraf li l-ftehim relattiv ser jiġi ffirmat f'Għawdex fl-10 ta' Settembru 2009.

4.6.3. Il-Kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim.

### 4.7.1. Talba għal-*leave* speċjali (P/7/1/Vol VIII)

4.7.2. Saret referenza għal ittra datata 17 ta' Awwissu 2009, mibgħuta mis-Sinjura Marica Azzopardi Gambin fejn għarrfet li jirrekjedilha toħroġ bil-*leave* tat-tqala' b'effett mill-1 ta' Novembru 2009, kif ukoll tagħmel użu mil-*leave* li fadlilha. Hija talbet ukoll sabiex tkun tista' tidħol lura għax-xogħol mill-1 ta' Ottubru 2010 b'siegħat imnaqqsa għall-mill-inqas sena wara minn din id-data.

4.7.3. Is-Sindku qal li l-kontenut ta' l-ittra ġie diskuss b'mod informali mas-Sinjura Azzopardi Gambin, fil-preżenza tal-Viċi Sindku E. Bartolo, il-Kunsillier J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv. Waqt l-istess laqgħa hija ġiet offruta l-għażla li taħdem fuq sistema ta' *teleworking* fejn wieħed jirrikjedilu li jattendi l-uffiċċju għal numru ta' siegħat, filwaqt li l-bqija tax-xogħol isir id-dar. L-impjegata dehret li kienet interessata f'din l-alternattiva.

4.7.4. Il-Kunsill qabel li s-Sinjura Azzopardi Gambin tintalab tikkonsidra li taħdem fuq sistema ta' *teleworking* minflok li tieħu l-*leave* tal-maternità, liema *leave* jibda hekk kif jispiċċalha l-*leave* tat-tqala' sad-data li hija ndikat illi hija lesta tkompli taħdem fuq bażi ta' 40 siegħa fl-1 ta' Ottubru 2010.

### 4.8.1. Antenna fuq it-Torri l-Aħmar (R/2)

4.8.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra datata 22 ta' Lulju 2009, fejn sar ilment li l-antenna tal-komunikazzjoni illi hemm fuq it-Torri l-Aħmar, allegatament qed tikkawża radjazzjoni perikoluża. Is-Sur Cutajar qal li nġibdet l-attenzjoni dwar dan lill-Awtorità tal-Komunikazzjoni, kif ukoll tal-MEPA. Irriżulta li din twaħħlet mingħajr il-permess tal-MEPA u mistenni li toħroġ ordni ta' infurzar dwarha.

4.8.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 27 ta' Awwissu 2009.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġew imressqa tliet skedi ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash,* li flimkien jkopru l-perjodu bejn l-4 u l-18 ta' Awwissu 2009.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-6 u s-27 ta' Awwissu 2009.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut ta' l-skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

## 7.1. Ittra ta' Direzzjoni għas-Sena Finanzjarja 2008-2009 (F/1/2/Vol VII)

7.2. Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill illi l-awditur John Zammit għadda l-ittra ta\` direzzjoni għas-sena finanzjarja 2008/2009 lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. L-Awditur Ġenerali talab li din tinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill u tingħata tweġiba għaliha.

7.3. L-ittra ta\` direzzjoni ġiet moqrija punt, punt u kopja tagħha ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti. Din kienet tittratta s-suġġetti segwenti:

- Inklużjoni ta' infieq marbut mal-kordinatur u l-istudenti nvolvuti f'AvventuraSajf08 fil-kontijiet tal-pagi, flimkien ma' l-impjegati tal-Kunsill;
- Rata ta' diprezzament fuq il-Proġett Park tal-Familja f'Ta' l-Ibraġ;
- Żamma ta' rendikont dwar l-inventarji ta' kotba;
- Rappreżentazzjoni fil-kotba ta' fondi mgħoddija mgħoddija bil-quddiem mill-Unjoni Ewropea in konnessjoni mal-Proġett *Environment through Art*;
- Rappreżentazzjoni fil-kotba ta' parti mill-premium imħallas fuq l-poloz ta' assikurazzjoni mixtrija mill-Kunsill, bħala *prepayments*;

- Tħaddim ta' kuntratti ta' servizzi mogħtija mill-Gvern Ċentrali li ilhom li skadew;
- Użu ta' l-*internet banking* biex isiru ħlasijiet;
- Inklużjoni ta' ċertifikati dwar l-assikurazzjoni fil-kuntratti mogħtija mill-Kunsill;
- Ħlasijiet tas-Sigurta` Soċjali u l-FSS ta' l-impjegati;
- Posizzjoni futura dwar il-likwidita` fil-finanzi tal-Kunsill.

7.4. Is-Segretarju għadda biex ta spjegazzjoni tal-punti mqajjma mill-awditur u qara abbozz ta' tweġiba li kopja tagħha ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

7.5. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba moqri mis-Segretarju u talbu jgħaddih lill-awditur John Zammit, lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 8.1. Tħejjijiet għal "Iljieli Melleħin 2009" (A/5/3/5/Vol II)

8.2. Is-Sindku għarraf li bħal pubbliċità għall-Iljieli Melleħin, ġew stampati 7000 programm dwar l-attivitajiet li ser iseħħu bejn l-10 u t-13 ta' Settembru 2009 li swew €213. Saru wkoll 5,000 *flyer* li swew €354, illi tqassmu bieb, bieb fil-Mellieħa u l-Manikata u f'postijiet oħra. Flimkien ma' din il-promozzjoni hemm paġna kuljum għal ġimgħa sħiħa fil-gazzetta *The Malta Independent* bi spiża ta' €300 u reklam fil-ħarġa ta' Settembru tal-magazin Malta & Gozo Day By Day li sewa €225.

8.3. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-Grupp Folkloristiku mill-Georgian Centre for Art Development li ser jipparteċipaw bi spiża għalihom li tammonta €5,600, filwaqt li ser jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill ta' €2,000 li ser imorru biex jiffinanzjaw parti mill-ispejjeż ta' l-istess Iljieli Melleħin.

8.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li saru kuntatti ma' lukandiera fil-Mellieħa sabiex jiġu akkomodati d-delegazzjoni Ċiprijotta minn Agia Napa li ser tkun komposta minn 24 persuna, kif ukoll għall-ħames membri tal-grupp li ser ikun qed jakkumpanja lill-mużiċist Francesco Cafiso. Fil-każ taċ-Ċiprijotti ntalab ħlas issussidjat ta' €500 għad-delegazzjoni kollha.

8.5. Is-Sindku qal li qed jinżamm rendikont tad-dħul li ser jinġieb b'risq l-Iljieli Melleħin, kif ukoll l-ispejjeż previsti. Huwa qal li dan juri s'issa li ser ikun hemm bilanċ bejn it-tnejn.

8.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi wara kuntatti u żjara ta' familjarizzazzjoni li saret mis-Sindku Robert Cutajar f'Agia Napa (Ċipru), f'Lulju 2007; u**

**Billi id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, permezz ta' ittra datata 12 ta' Awwissu 2009, ta l-kunsens tiegħu sabiex ikun jista' jsir l-Ġemellaġġ bejn il-lokalitajiet tal-Mellieħa u Agia Napa, wara konsultazzjoni ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Barranin, skond kif stipulat fl-Avviż Legali 144 ta' l-2009;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandhom jitkomplew il-proċeduri ma' l-awtoritajiet kompetenti li għandhom iwasslu għall-iffirmar tal-ftehim tal-ġemellaġġ fil-Mellieħa u f'Agia Napa, fix-xahar ta' Settembru 2009.". (K/1/5/4)**

9.2. Is-Sindku għarraf li tkomplew it-tħejjijiet għal dan l-avveniment u qal li fost l-mistednin distinti li ser jattendu għaċ-ċerimonja tal-ġemellaġġ, hemm il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni Dr Chris Said; u l-kelliem ta' l-Opposizzjoni dwar il-Kunsilli Lokali Dr Stefan Buontempo. Il-Kap ta' l-Opposizzjoni, Dr Joseph Muscat għarraf li ma jistax jattendi minħabba inpenn ieħor li huwa għandu.

9.3. Is-Sindku għarraf li biex jiġi ffirmat il-ftehim ta' ġemellaġġ f'Agia Napa, il-linja ta' l-ajru Emirates offriet ħames mis-sitt titjiriet mitluba għad-delegazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid illi l-Għaqda Mużikali Imperial ġew mistiedna sabiex jattendu f'Agia Napa għal din l-okkażjoni, iżda mhux dan mhux possibbli għalihom, peress li l-banda ser tkun impenjata fil-Festa tas-Santwarju fis-27 ta' Settembru 2009. Il-Banda La Vittoria ġiet mistiedna wkoll u aċċettat li tmur Agia Napa u tagħti programmi hemmhekk. Il-*bookings* ta' kull min jixtieq jattendi qed isiru minn ROCS Group tal-Mellieħa.

9.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa għaliex ġiet magħżula l-aġenzija ROCS meta jeżistu aġenziji oħra bħal Untours li joffru l-istess servizz.

9.5. Is-Sindku wieġeb li Il-ftehim ġie konkluż ma' din l-aġenzija peress li hija din il-kumpanija illi għandha l-aħjar kuntatti mal-linja ta' l-ajru Emirates, li topera minn Malta lejn Ċipru. Is-Sur R. Cutajar qal li ROCS, flimkien ma' Emirates għaddew lill-Kunsill 22 biljett ta' l-ajru mingħajr ħlas, li sbatax minnhom ser jintużaw mid-delegazzjoni li ġejja Malta minn Agia Napa, filwaqt li l-bqija ser jintużaw mid-delegazzjoni tal-Kunsill Lokali Mellieħa, meta jsir l-iffirmar tal-ftehim f'Ċipru waqt iż-żjara li ser isseħħ bejn l-24 u t-28 ta' Settembru 2009. Is-Sindku qal ukoll li waqt l-istess żjara ser tiġi mnedija kampanja ta' reklamar għal-lukandi tal-Mellieħa.

9.6. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi skada l-kuntratt li jipprovdi għall-istampar tal-magazin li jippubblika l-Kunsill minn żmien għal żmien, mal-Veritas Press, skada fil-31 ta' Mejju 2009;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 5/2009) skond l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, sabiex jingħata servizz ta' iddisinjar, *setting* u stampar tal-magazin "Mill-Qiegħa" flimkien mas-suppliment għat-tfal, kif ukoll dwar illegar ta' dokumenti;**

**Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja kurrenti, taħt il-kont Nru. 2970; u**

**Billi fir-rapporti tat-*Tender Adjudication Board* ta' l-10 ta' Awwissu 2009, saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lid-ditta Communique Creative Ltd;**

**Jirriżolvi illi għanda tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lid-ditta msemmija, skond il-prezzijiet mogħtija fil-*bill or quantities* anness mad-dokument ta' l-offerta, bil-għan li jiġi iffirmat kuntratt ta` tliet snin, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009 sabiex jiġi pprovdut is-servizz in kwistjoni.". (P/3/2/Vol IV)**

10.2. Fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 11.1 Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo, illi tgħid:

**"Billi l-kuntratt mad-ditta Gardentech, li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq mhux Urbani, skada fit-30 ta' Ġunju 2009;**

**Billi l-Kunsill għamel sejħa għall-offerti (6/2009) skond l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, liema offerti ġew evalwati, skond ma` jidher mil-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tat-2 ta' Lulju u l-10 ta' Awwissu 2009;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandha tintbagħat ittra ta` aċċettazzjoni lis-Sur Alexander Fenech (Euro Clean Ltd) u eventwalment jiġi ffirmat kuntratt illi jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' tlett snin, b'effett mill-1 ta' Ottubu 2009, bir-rata annwali ta` €28,680.**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2009/2010 ġiet ivvutata s-somma ta' €20,300 bil-għan li jingħata s-servizz imsemmi, liema somma rriżulta li ma hijiex biżżejjed biex tkopri n-nefqa skond ir-rata annwali offruta minn Euro Clean Ltd;**

**Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li l-vot tat-Tindif tat-Toroq Mhux Urbani (3052) fl-imsemmija estimi għandu jiġi miżjud €4,000.". (T/4/6/Vol IV)**

11.2. Fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti, il-mozzjoni għaddiet wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 12.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Hilary Fenech illi tgħid:

**"Billi permezz ta' riżoluzzjoni mgħoddija tat-18 ta' Awwissu 2008 is-Sinjura Marvic De Bono ġiet maħtura Uffiċjal fi Skala 15 b'salarju f'*Notch* 1 ta` l-Iskali applikabbli għas-Servizz Pubbliku, ippubblikati mid-Dipartiment tat-Teżor kull sena;**

**Billi hija qed taqdi dmirijietha b'mod sodisfaċenti, kif jirriżulta mill-*Performance Appraisal Report* imressaq quddiem il-Kunsill fit-23 ta' Marzu 2009;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li, skond kif stabbilit fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) Regolament 15(5), is-salarju tagħha għandu jitla' għal *Notch* 2, b'effett mill-1 ta' Awwissu 2009.". (P/7/1/Vol VIII)(Wages)**

12.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

## 13.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi s-Subartiklu (1) ta' l-Artiklu 53 ta' l-Att XV ta' 1993 jippermetti t-tielet impjegat oltre s-Segretarju Eżekuttiv, meta jitqies li l-popolazzjoni tal-lokalità skond l-aħħar statistika ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika telgħet għal 8,100; u**

**Billi saret sejħa għall-applikazzjonijiet sabiex timtela l-kariga ta' uffiċjal fi Skala 15 minn fost persuni diġa impjegati ma' Kunsilli Lokali oħra skond il-proċedura ndikata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali; u**

**Billi saret intervista mill-Bord ta' l-Għażla lill-unika persuna li wieġbet għas-sejħa, liema persuna, li skond l-istess Bord din għandha l-esperjenza u l-kwalitajiet meħtieġa biex taqdi d-doveri marbuta mal-kariga ta' uffiċjal fi Skala 15;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt indefinit mas-Sinjura Yvonne Muscat, (ID: 302573M), b'effett immedjat, skond il-provedimenti ta' u l-Avviż Legali 127 ta' l-1998.". (P/7/1/Vol VIII)**

13.2. Il-Kunsill ra r-rapport li sar mill-Bord ta' l-Għażla tas-17 ta' Awwissu 2009.

13.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 14.1. Kuntratt ġdid dwar il-Ġbir ta' l-Iskart Organiku (K/6/2/Vol V)

14.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi saret proposta sabiex issir sejħa waħda bejn il-Kunsilli Lokali msieħba fil-Kumitat Konġunt Tramuntana bil-għan li jingħata l-kuntratt imsemmi. L-istess proposta tinvolvi t-twaqqif ta' uffiċċju sabiex jamministra dan il-kuntratt f'isem il-Kunsilli msieħba. Intqal ukoll li l-ideja ta' ħruġ ta' sejħa għall-offerti waħda anke ġiet diskussa fil-Kumitat Konġunt Tramuntana.

14.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li anke l-istess Att dwar il-Kunsilli jippermetti t-tisħib ta' kunsilli lokali flimkien biex jirrendu servizzi lir-residenti tagħhom. Min-naħa l-oħra, kemm-il darba jinħoloq uffiċċju biex jamministra, huwa qal li dan ikun ifisser żieda fl-ispejjeż. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li sakemm jinħarġu kontijiet fuq kull kunsill individwali, m'għandux ikun hemm problemi, kif isir fil-każ tal-kuntratt dwar il-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq.

14.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li meta jkun hemm sejħa waħda, jista' jirriżulta li ċerti kunsilli jmorru tajjeb, filwaqt li oħrajn jmorru ħażin. F'ċirkostanza bħal din, ikun il-biża li xi kunsilli jirtiraw il-parteċipazzjoni tagħhom u b'hekk anke l-offerenti għandhom mnejn jirtiraw l-offerta tagħhom peress li jkunu bbażaw ir-rati kkwotati b'mod globali.

14.5. Il-Kunsill iddelega lill-Viċi Sindku E. Bartolo sabiex iqajjem dan is-suġġett għad-diskussjoni fil-Kumitat Konġunt Tramuntana.

## 15.1. *European Neighbourhood Policy Instrument (ENPI)* (P/10/4))

15.2. Għal din il-parti tas-seduta attendew Maria Schembri u Charlene Farrugia mill-uffiċċju tal-MEUSAC sabiex jispjegaw minn jikkwalifika għall-proġetti ffinanzjati permezz ta' l-ENPI ta' l-Unjoni Ewropea. Huma spjegaw li dan il-programm huwa intiż sabiex jinkoraġġixxi koperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Mediterran, kemm dawk membri fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll dawk li m'humiex, bl-eċċezzjoni tal-Libja. Dan ikopri s-snin 2007 sa l-2013. Ġie spjegat li fattur partikulari ta' dan il-programm huwa li joffri ko-finanzjament ta' 90% għall-proġetti li jkunu bejn tlieta jew aktar imsieħba. Id-data ta' l-egħluq għall-applikazzjonijiet hija l-20 ta' Ottubru 2009.

15.3. Is-Sinjorina M. Schembri ġibdet l-attenzjoni li l-programm maqsum f'erba' prioritajiet li l-aktar illi jappellaw għall-Kunsilli Lokali huma:

- Priorità Nru. 2 – Miżura 2.1. li tinvolvi proġetti għall-prevenzjoni u tnaqqis ta' riskji lill-ambjent u titjib tal-wirt naturali komuni; u
- Priorità Nru. 4 – Miżura 4.1. li tinvolvi skambji, taħriġ professjonali liż-żgħażagħ.

15.4. Ingħata l-parir li minħabba illi l-Kunsill m'għandux esperjenza u lanqas riżorsi biex jamministra l-proġett bħala *Lead Partner*, jista' japplika bħala *partner*. Kemm-il darba, il-Kunsill ikun interessat li jipparteċipa, jeħtieġ li juri l-interess tiegħu minn issa.

15.5. Il-Kunsill dehrlu li din l-opportunità għandha tingħata aktar konsiderazzjoni.

## 16.1. Cimiterji fil-Mellieħa (C/7)

16.2. Is-Sindku għarraf li bħala riżultat ta' kuntatti li kien hemm mad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali – is-Sur John Attard Kingswell – kif ukoll mal-Ministeru għall-Politika Soċjali qed jiġi mfassal *memorandum* li jipprovdi sabiex tiġi assenjata persuna bil-għan li tiftaħ u tagħlaq iż-żewġ ċimiterji fil-Mellieħa, kif ukoll sabiex tagħmel manutenzjoni ħafifa u tiswijiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien.

16.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

## 17.1. Attivitajiet u faċilitajiet għall-anzjani (E/3/1/9/Vol II)( A/1/2/Vol IV)

17.2. Is-Sindku għarraf li kellu kuntatti mad-ditta li tispeċjalizza f'korsijiet tal-kompjuter TCTC Ltd, dwar tagħlim li possibilment jista' jingħata lill-anzjani li f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Mill-istess kuntatti jidher li flimkien mal-korsijiet fl-użu tal-kompjuter, jista' jingħata tagħrif ukoll dwar l-użu ta' mezzi elettroniċi moderni, bħalma huwa t-telefon ċellulari eċċ.

17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta għandha tingħata aktar konsiderazzjoni bil-għan li tiġi mplimentatata.

17.4. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li l-Ministeru għall-Politika Soċjali ser jingaġġa *Part-Time Social Assistants* biex ikollu biżżejjed *personnel* għaċ-ċentri ta' matul il-jum u fid-djar ta' l-anzjani li għandu l-Gvern. B'riżultat ta' dan, ikun possibbli li fil-futur qarib jibda jopera ċ-ċentru ta' matul il-jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

17.5. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp

## 18.1. Programm LEADER ta' l-Unjoni Ewropea (P/10/2/Vol III)

18.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjonijiet li kien hemm dwar il-programm imsemmi u għarraf li fid-19 ta' Ottubru 2009 fis-6.30pm ser issir laqgħa tal-Majjistral Action Group li ser tittratta proġetti li jistgħu jiġu mplimentati fil-lokalita` tal-Mellieħa, permezz tal-programm imsemmi. Il-laqgħa ser tiġi ndirizzata mis-Sur Daniele Fantecchi li huwa persuna li jispeċjalizza dwar talbiet għal finanzjament taħt il-programmi ta' l-Unjoni Ewropea.

18.3. Il-Kunsill innota dan l-appuntament.

### 19.1. *Neighbourhood Watch f'Santa Marija Estate* (N/2)

19.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li fis-27 ta' Awwissu 2009 saret laqgħa dwar it-twaqqif mill-ġdid tan-*Neighbourhood Watch* f'Santa Marija Estate. Għaliha attendew, flimkien miegħu, l-Ispettur Therese Sciberras mill-Pulizija tad-Distrett, u Dr Robert Patiniott mill-Għaqda tar-Residenti Santa Marija Estate.

19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 20.1. Tindif fi Triq l-Etna (D/3/1/Vol V)

20.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li fi Triq l-Etna, qrib il-*bring-in site* jeħtieġ li jitwitta xi terrapien li hemm fil-qrib u jitħawwlu xi siġar sabiex il-post jingħata dehra aktar nadifa.

20.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 21.1. Tmiem-il kariga ta' Bernd Schiffarth - Sindku ta' Adenau (K/1/5/Vol IV)

21.2. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li waqt iż-żjara li saret f'Adenau, bejn l-24 u l-26 ta' Awissu 2009, huwa flimkien mal-Kunsillier J. Azzopardi attendew għall-attività li saret fl-okkażjoni msemmija, fejn l-ex-Sindku Bernd Schiffarth ġie ppreżentat minjatura tal-Palazz ta' Selmun. Intqal ukoll li s-Sur Schiffarth apprezza ħafna l-attendenza ta' rappreżentanza mill-Kunsill tal-Mellieħa għal din l-okkażjoni.

21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 22.1. Avventurasajf 2009 (E/3/4/Vol VIII)

22.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li Avventurasajf 2009 ser tiġi fi tmiemha fl-4 ta' Settembru 2009. Huwa qal li fit-3 ta' Settembru 2009 ser issir wirja tat-talenti li għandhom t-tfal fis-sala ta' Komunità fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2009, fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |